MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2013

Numru. 321/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana)**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**Vs**

**Twanny Grima ta' 33 sena, bin Twanny u Anna nee` Borg, imwieled Pieta fil-5/05/1977, li joqghod St. George's Flats, Flat 2, Triq l-Isqof Pietru Pace, Paola u detentur tal-karta ta' l-identita nurmu 237077M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli fil-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Frar, 2010, gewwa l-Kazin Ghaqda Muzikali San Pietru fil-Ktajjen, Triq Birzebbugia, Birzebbugia;

1. Ikkommetta serq minn gewa l-istess kazin kif ukoll mill-banka tal-lotto li tinfed mal-kazin ghad-detriment ta’ Carmel Farrugia u Ivan Delia, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jaqbizx elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe bieb ta’ l-injam, cash register u bieba tal-mejda tal-biljards, liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sttin centezmu (1,164.69), imma huwa aktar minn mija u sittax il-euor u sebgha u erbghin centezmu (116.47).

Il-Qorti hi mitluba biex f’kaz ta’ htija tittrata ma’ l-imputat li huwa recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 u dan wara diversi sentenzi li saru definittivi .

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali tat-22 ta’ Marzu, 2012, sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat izda ma tistax tinjora l-fatt illi l-imputat huwa recediv u kwindi ser timponi piena karcerarja effettiva.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b)(c), 263(a), 267, 278(1)(2), 279(a), 280(1)(2). 325, 49, 50 u 17h tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta  issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-piena ta’ sena prigunerija.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-imputat ihallas lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali s-somma ta’ sitt mija u ghaxar euro u disa’ centezmi.  (€610.09) bhala spejjez peritali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------